MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Rikors Numru. 313/2011

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha ta’ Gunju elf disa’ mija sitta u disghin (09/06/1996) (Ara Dok A anness) u li minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;

Illi l-partijiet ilhom legalment separatI b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Richard Vella Laurenti mill-hamsa u ghoxrin ta’ Frar tas-sena elfejn (25/02/2000) (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom hdax-il sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separate minn xulxin u sahansittra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut stante li l-partijiet kienu ddekadew mid-dritt tal-manteniment (Ara Dok B, Klawsola 3);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Novembru, 2011;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrent irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Frar 2000;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat ukoll illi ma twieldux tfal minn dan iz-zwieg u illi bejn il-partijiet kienu iddekadew mid-dritt illi jitolbu / jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------